# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# INFERJURI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ġimgħa, 28 ta' April 2023**

**Avviż numru: 6/2021 BS**

**Bertalan Attila Gooz**

**-vs-**

**Krisztian Sandor u Zsofia Olti**

**Il-Qorti;**

**Rat l-avviż** fejn Bertalan Attila Gooz talab lill-intimati Krisztian Sandor u Zsofia Olti jkunu ikkundannat li:

Jhallsu lill-attur l-ammont bilancjali dovut minnkom jew min minnkom konvenuti fl-ammont ta' -bilanc kollu dovut minnek lilu versu ammonti ta' flus mislufa lilek liema bilanc jammonta ghal hdax-il elf, tminn mija u hamsa u sittin Euro (€ 11,865) bilanc ta' prezz ta' merkanzija, pagi dovuti kif ukoll flus mislufa u makkinarju u vetturi li intuzaw minnkom u a beneficcju taghkom bl-imghax legali ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tat-tlestija tax-xogholijiet sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittri interpellatorji tal-ittra ufficcjali ta' Ottubru, 2021 kollha kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa stess imharrek ghas-subizzjoni.

**Rat ir-risposta ta' Dottor Deborah Camilleri bħala kuratur deputat li permezz tagħha eċċepiet:**

i. Illi l-esponenti ma għandha l-ebda kuntatt mal-istess Krisztian Sandor u Zsofia Olti u ghalhekk ma hijiex f'posizzjoni li tissolleva l-eccezzjonijiet kollha abblikabbli peress li ma ghandiex konjizzjoni tal-fatti;

ii. Illi minghajr pregudizzju huwa l-attur li jrid jipprova l-kreditu li qed jallega li ghandu bi provi cari u inevkwivoci u li huwa allegatament dovut mill-istess konvenuti Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt

Rat li fis-seduta tat-2 ta Marzu, 2022 l-attur talab illi jinnotifika lill-konvenuti permezz tal-proċedura ta' pubblikazzjoni u affissjoni, liema talba ġiet akkordata.[1]

Rat li l-affissjoni saret fid-19 ta' April, 2022.

Rat li l-publikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern saret fid-29 ta' Marzu, 2022[2], filwaqt li l-publikazzjoni fil-ġurnali lokali saret fl-20 ta' April, 2022[3] u fil-25 ta' April, 2022[4].

[1] A fol 21 tal-process
[2] A fol 28 tal-process
[3] A fol 31 tal-process
[4] A fol 30 tal-process

Rat li fit-28 ta' April, 2022 il-Qorti innominat lil Dr Deborah Camilleri bħala deputat kuratur sabiex tirrappreżenta lill-konvenuti assesnti.[5]

Rat ix-xhieda ta' l-attur mogħtija fis-seduta tal-21 ta' Ġunju, 2022 u d-dokumenti kollha esebiti waqt tali xhieda.[6]

Rat ir-rikors tal-konvenuti tat-22 ta' Ġunju, 2022 li permezz tiegħu huma affermaw illi huma għandhom jiġu notifikati fl-indirizz fejn jgħixu u li kienu ġew infurmati bil-kawża.[7]

Rat in-nota tal-konvenuta fejn qed tiddikjara li l-pretensjonijiet ta' l-attur qed jiġu kontestati.[8]

Rat li fis-seduta tal-11 ta' Ottubru, 2022 Dr Mompalao iddikjara li kien qed jassumi il-patroċinju tal-konvenuti u talab ukoll li jippreżenta risposta ulterjuri għal dik ippreżentata mill-kuratur deputat, liema talba ġiet akkordata.[9]

Rat li fis-seduta tat-22 ta' Novembru, 2022 l-Qorti nnutat li l-konvenuti naqsu li jippreżentaw in-nota ulterjuri entro t-terminu lilhom konċess.[10]

Rat li fis-seduta tas-16 ta' Diċembru, 2022 Dr Mompalao iddikjara li qed jirrinunzja l-patroċinju tal-konvenuti u li dawn kienu ħallew dawn il-gżejjer permanentament.

[5] A fol 33 tal-process
[6] A fol 35 sa fol 87 tal-process
[7] A fol 89 tal-process
[8] A fol 93 tal-process
[9] A fol 97 tal-process
[10] A fol 99 ta-process

Rat li fis-seduta tat-22 ta' Marzu, 2023 l-attur talab illi l-kawża tiġi differita għas-sentenza.

Rat li fl-isess seduta l-kawżaġġiet differita għas-sentenza tal-lum.

**Ikkunsidrat.**

Din hija kawża fejn l-attur qed jitlob li l-konvenuti jiġu kkundannati jħallsuh lura s-somma ta' ħdax-il elf tmien mija u ħamsa u sittin ewro (€ 11, 865) liema somma hija il-bilanċ ta' merkanzija, paga dovuta kif ukoll self ta' flus, makkinarju u vetturi liema self sar mill-attur versu l-konvenuti.

Minn naħa tagħhom għalkemm il-konvenuti ngħataw l-opportunita li jippreżentaw risposta ulterjuri għal dik ippreżentata mill-kuratur deputat biex jirribattu l-pretensjonijiet ta' l-attur huma naqsu li jagħmlu dan.

Il-Qorti fliet id-dokumenti kollha ppreżentati mill-attur inkluż il-komunikazzjoni li għaddiet bejn il-partijiet premezz ta' posta elettronika. Il-Qorti tinnota li mill-kontenut ta' din il-komunikazzjoni jirriżulta li l-konvenut kien qed jaċċetta li kellu jħallas lil attur l-ammont reklamat minnu. Mid-dokumenti esebiti jirriżulta wkoll l-involviment taż-żewġ konvenuti u mhux ta' wieħed biss.

Għalhekk in vista tal-provi kollha mressqa mill-atturi u li ma ġew bl-ebda mod kontradetti mill-konvenuti, din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tilqa' t-talbiet ta' l-attur għal ħlas tas-somma ta' € 11,865.

Rigward it-talba għal ħlas ta' l-imgħax legali tqis illi meta l-ammont pretiż in linea ta' danni ma jkunx danni *da liquidarsi* imma jkun ammont definit u ndikat fl-att promotur, kif ġara fil-każ odjern, il-Qorti tista' tordna li l-imgħax legali jibda jiddekorri mid-data tal-preżentata tal-kawża[11] u għalhekk fil-każ tal-lum mit-12 ta' Lulju, 2021.

**Deċide.**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għal motivi ġia espressi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet ta' l-attur in toto u tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attur is-somma ta' hdax-il elf, tmien mija u ħamsa u sittin ewro (€ 11,865) bl-imgħax legali mit-12 ta' Lulju, 2021 sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjez ghall-konvenut.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

[11] Mario Sacco vs. Peter F. Muscat Scerri et. , Appell, deciza fil- 31 ta' Jannar 2003.